# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

VAT Sitting

Seduta tas-26 ta' April, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur S. Magro)**
**vs**

**Clayton Micallef**

**PC/VAT/5033**

**Reg. No.: MT 2270 9822**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kontra l-imputat, **Clayton Micallef**, detentur tal-karta tal-identità numru 134884M, u residenti 20, Triq ic-Cimiterju, Paola, Malta:

Talli waqt spezzjoni b'sorpriża li seħħet fit-8 ta' Ottubru 2021 ġewwa d-Dipartiment tal-VAT, Birkirkara, Malta, irriżulta li xjentement irrilaxxja ricevuta fiskali mhux korretta u/jew qarrieqa f'xi rigward servizz ta' kostruzzjoni ta' skont il-kumpens lilu mhallas li ammonta ghal €10,000 u dan billi indika dik il-provvista bhala wahda ezenti minflok taxxabbli, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998

dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-artikoli 51 u 77(f) tal-istess Att. F'kaz ta' htija, din-Onorabbli qorti giet mitluba timpani multa li ma tkunx inqas minn darbtejn it-taxxa perikolata, liema somma ma ghandhiex tkun inqas minn €3,050 u dan skont l-Artikolu 77 tal-imsemmi Att. Talli f'Awissu 2021 u/jew fit-tletin jum li jugu qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, naqas li japplika ghar-registrazzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxi, ghalkemm kien qed jesegwixxi attività ekonomika, u dan bi ksur ta' Artikolu 10 ta' l-att ta' l-1998.

Rat l-atti kollha u d-dikjarazzjonijiet li saru mill-Partijiet waqt is-smiegh tat-13 ta' Lulju 2022.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni w ezaminat l-atti kollha tal-kawza.

l- Imputat ghazel li jixhed u jaghti l-verzjoni tieghu u jipprezenta ghadd ta' dokumenti in sostenn ta' din il-verzjoni.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw.

IKKUNSIDRAT:

Xehdet bil-gurament **Maria Lourdes Dimech** li qalet li hija tirrapprezenta lill-VAT Department u hija VAT Inspector. Hija qalet li kien dahal ilment u meta saru l-verifiki necessarji irrizulta li l-Imputat kien ghal de-registration tan-numru tal-VAT. Huwa kien hareg ricevuta meta l-VAT number tieghu kien maghluq. Nhar it-3 ta' Awissu 2021 nharget ricevuta bl-ammont ta' €5,000. Indunaw li kien maghluq fl-ispezzjoni tat-8 ta' Ottubru 2021 wara li saret laqgha mal-Intimat fl-ufficini tad-dipartiment de quo. L-Intimat kien intalab mix-xhud sabiex jispjega ghaliex kien hareg l-ircevuta (ara kopja immarkata Dokument A) meta sad-data tat-8 ta' Ottubru 2021 ir-registrazzjoni tieghek kienet maghluqa. Il-kopja ta' din ir-ricevuta kienet giet fornuta lid-Dipartiment minn min kien ghamel l-ilment, u cioè, Christina Mizzi. L-Intimat applika biex jerga' jattiva r-registrazzjoni u meta nhariglu l-ktieb tar-ricevuti hareg ir-ricevuta mill-gdid (Ara Dokument B). Din il-Qorti meta fliet id-dokumenti li x-xhud ipprezentat innotat li kienu fotokopji biss. Innotat ukoll li r-rapport li gie stampat mix-xhud kellu l-kliem: "Blocked, Pending Deregistration" u staqsiet lix-xhud jekk dan il-kumment fir-rapport kienx ifisser de-registration. Ix-xhud wiegbet li: "*Iva sakemm il-process tad-dipartiment biex jaghlaq il-VAT number biex jiccekkjaw x'ikollhom u hekk.*"

Fix-xiehda mahlufa tieghu, George Camilleri qal li huwa jirrapprezenta lill-Kummissarju tat-Taxxa u kien ufficjal tal-VAT fl-Enforcement Section tad-dipartiment de quo. Huwa qal li d-dipartiment kien ircieva lment dwar l-ircevuta Numru 8 (Ara Dokument A). Ix-xhud qal li l-ircevuta kellha problema li kienet tikkonsisti fi: "… *xi hadd qatgha l-exempt u ffirma hdejha xi haga li ma nistghux inhalluha din u … Il-perijodu li fih harget l-ircevuta fiskali in-numru tal-VAT kien blocked pending registration…*" Ix-xhud qal li l-ircevuta fiskali bin-numru 8 li in atti hija mmarkata bhala Dokument A nharget meta kien hemm applikazzjoni biex il-VAT number jinghalaq "… *igifieri ma ntalghaqx ghax kien hemm xi u ghandna document fejn jikkonferma dan…*" Ix-xhud irrefera ghal dan id-dokument bhal Dokument C in atti. Ix-xhud qal li kien "*qed nikkonferma dad-dokument ... jghid illi mill-1 ta' Mejju 202 sal-31 ta' Awissu 2021 kien hemm dal-VAT number li hu inactive igifieri allura qatt ma seta' tinhareg ircevuta f'dak il-perijodu meta il-VAT number kien inactive*." Ix-xhud qal li illum il-VAT number infitah wara li saret l-inspection. Fil-kontro-eezami tieghu, ix-xhud qal li "… *jista' jaghti l-kaz illi either it-Taxpayer jaghmel applikazzjoni biex jaghlaq in-numru tal-VAT u allura mhabba li jista' jkun hemm xi bilanci x'jithallsu jista' jaghti l-kaz ukoll li hemm returns pendent il-VAT number ma jistax jintghalaq at that point in time ghax l-ewwel iridu jidhlu returns iridu jithallsu l-ammonti imbaghad il-VAT number jigi totally registered.*" Fuq Mistoqsija ta' din il-Qorti ix-xhud qal li meta jaghmel applikazzjoni biex jaghlaq il-kont jigi inactive sakemm jissetilja l-pendnezi li jkollu mat-Dipartiment, cioè, biex jinghalaq l-ewwel irid ihalls il-bilanci u jinghat ir-returns. Huwa qal li: "… *meta l-VAT number jigi inactive ifisser li Tax payer m'ghandux jaghmel attività ekonomika*."

Xehed Clayton Micallef li qal li bejn is-snin 2015 u 2018 kellu VAT number exempt u qaleb ghal VAT number normali fl-2018. Huwa pprezenta c-certifikat tal-VAT li jgib id-data tal-1 ta' Jannar 2019 (Ara Dokument E). Huwa qal li meta l-VAT nqaleb normali fl-2018 kien cempel lid-Dipartiment u nfurmahom li kellu kotba talVAT immarkati exempt u staqsihom x'irid jaghmel u qalulu li kellu jaqta' l-kelma exempt u jiffirma hdejha. Huwa hekk ghamel. Id-Dipartiment infurmah li r-ricevuta li kien hareg lil Christina Mizzi kienet hazina u ordnawlu johrog ohra. L-Imputat qal li l-ufficjali kienu qalulu li l-ktieb tal-VAT kien maghluq. Huwa qal li wiegibhom li kien kiteb ittra biex jinghalaq imma rcieva ittra lura fejn kien gie nfurmat li biex jaghlaq ried ihallas €50 u "… *jiena ghidt ma naghlaq xejn u nzommu…*" milli jhallas l-ammont mitlub. Ma

rnexxilux isib l- ittra imsemmija.  Huwa qal li bidel ir-ricevuta ma' ohra gdida.  Huwa qal ghandu kollox skont mehtieg minn Taxpayer.

IKKUNSIDRAT:

F'din il-kawza l-Imputat ġie mixli li hareg ricevuta fiskali mhux korretta billi indika il-provvista bhala wahda ezenti minflok taxxabbli.  Mix-xiehda, it-tezi tal-prosekuzzjoni kienet li kien hemm de-registrazzjoni u ma setghet issir ebda provvista ekonomika.  Gew ipprezentati ghadd ta' fotokopji ta' ricevuti fiskali u rapport mahrug allegatament mis-sostema tad-Dipartimenrt de quo.  Dawn id-dokumenti m'humiex awtentikati kif inhu mehtieg biex tissoddisfa l-aqwa prova.  Waqt ix-xiheda tal-Imputat, hadd ma saqsieh jekk il-firma li tidher fuq il-kopja tar-ricevuta fiskali fejn il-kelma ezenti tidher maghtuha, kinitx tieghu jew le.  Dokument bl-ittra B juri zewg ricevuti fiskali b'dati li ma jaqblux bejniethom u mhux kompleti barra li ma gewx awtentikati. Ebda kopja tar-ricevuta fiskali Numru 7 ma giet ipprezentata u li mbaghad giet sostitwita b'dik bin-numru 51 bid-data tat-22 ta' Lulju 2021.  Kienet gie ipprezentata kopja fotostatika mhux awtentikata darbtejn bin-numru 8 u bid-data tat-3 ta' Awissu 2021. Minkejja li f'Dokument bl-ittra C jidher il-kliem "Blocked, Pending Deregistration" ghall-perijodu mill-1 ta' Mejju 2020 sa 31 ta' Awissu 2021, ma gie pprezentat ebda document li juri li d-Dipartiment de quo kien ircieva applikazzjoni jew kien hemm skambju ta' korrispondenza sabiex issir de-registration mill-Imputat.  Ma inghata ebda spjegazzjoni dwar il-perijodu msemmi u cioè, mill-1 ta' Mejju 2020 sa 31 ta' Awissu 2021 u jekk dan kien abbinat ma' talba ghal de-registrazzjoni.  Li hu car ghal din il-Qorti hu li lill-Imputat kien inhariglu certifikat tar-Registrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud data it-28 ta' Jannar 2019 (Ara Dokument E) li jikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti li de-registration qatt ma kienet saret ghalkemm l-ufficjali li xehdu viva voce, qalu li r-registrazzjoni kienet inattiva.

Il-verzjoni tal-Imputat hija aktar kredibbli u din il-Qorti hija konvinta li l-Imputat kien strah fuq l-istruzzjonijiet li kien ircieva mid-Dipartiment u hareg ir-ricevuta fiskali de quo, qata' l-kelma ezenti u ffirma hdejha u opera ai termini tac-certifikat li kellu f'idejh, peress li ma riedx ihallas tariffa biex jinghlaq il-kont tal-VAT tieghu.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, peress li ma hemmx il-livell ta’ provi kif rikjesti fil-kamp kriminali, l-Imputat qieghed jigi misjub mhux hati tal-akkuzi miġjuba kontra tiegħu u din l-Onorabbli Qorti qieghda tilliberah minnhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**